## Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2018 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2019-2020. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għat-Tieni Sena Kindergarten.

### It-Tieni Sena Kindergarten Subien Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien mainstream huwa ta' sitta u disgħin (96) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 7 |
| *1ċ Aħwa* | 13 |
| ***Total*** | **20** |

Sitt applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skola oħra, iħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

### It-Tieni Sena Kindergarten Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 3 postijiet. Nixtiequ nħabbru li St. Francis Kinder Luqa u s-Siġġiewi qed joffru wkoll żewġ postijiet għal tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 1 |
| ***Total*** | **2** |

In-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju jippermetti li jintlaqgħu applikazzjonijiet tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' tliet mija u sebgħa (307) postijiet.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 14 |
| *1ċ Aħwa* | 111 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 6 |
| ***Total*** | **132** |

Erbgħa applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d, u dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skola, iħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 17-il post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---:|
| *1b Aħwa* | 3 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 1 |
| ***Total*** | **4** |

Għandna wkoll applikazzjoni ta' tifla li għandha bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. u li ntalab trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Din ma titnaqqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li tista' tokkupa post fi skola, tħalli post vakanti fl-iskola fejn tattendi.

In-numru ta' postijiet għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa akbar mill-applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju. Għalhekk se nilqgħu aktar applikazzjonijiet tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

## Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**1 ta' Frar 2019**

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

Indirizz Postali
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

Tel. +356 2779 0060
Email. admissions@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org